**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-iSpeaker Michael Frendo f'Seduta 255 tal-Erbgħa, 14 ta' Lulju, 2010 għar-rigward ta' Ksur ta' Privileġġ imressaq mill-Onor. David Agius kontra l-gazzetta "L-Orizzont", il-gazzetta "illum" u s-Sur Christopher Cutajar.**

*Ordnijiet Permanenti 36 u 161, Ordinanza dwar il-Privileġġi (Kap113), Rapportaġġ mill-parlament fil-media, Att dwar l-iStampa (Kap. 248), Libertà tal-espressjoni.*

Fis-seduta numru 221 tas-17 ta' Mejju 2010 l-Onorevoli David Agius ressaq ksur ta' privileġġ kontra l-gazzetta "L-Orizzont", il-gazzetta "Illum" u s-Sur Christopher Cutajar b'riferenza ġenerika għall-Ordni Permanenti 161, u għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u Setgħat tal-Kamra tad-Deputati Kap 113.

Huwa kien qed jirreferi għal artikolu fil-gazzetta "L-Orizzont" tas-Sibt, 15 ta' Mejju, 2010 f'paġna 15, intestat f'isem "Christopher Cutajar - Santa Luċija" u li jġib it-titolu "Veru kien ‘lapsus'?" u għal artikolu fil-gazzetta "illum" tal-Ħadd, 16 ta' Mejju, 2010 f'paġna 11, intestat f'isem "Christopher Cutajar - Santa Luċija" u li jġib it-titolu "Veru kien ‘lapsus'?".

Is-Sedja rat is-siltiet li semma l-Onorevoli Agius u qrat l-ittri sħaħ miktuba mis-Sur Cutajar biex tara l-isfond kollu li fih trid tiġi interpretata s-silta kif mitlub ukoll mill-Onorevoli Agius fis-sottomissjoni tiegħu.

Is-Sedja tikkonstata li din it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' privileġġ prima facie tqajjem fil-ħin u li kien konformi mal-Ordni Permanenti 36 li tgħid li "Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku".

Is-Sedja tagħmel ukoll riferenza għal dak li jikkostitwixxi ksur prima facie ta' privileġġ u in partikolari l-kliem tal-istess Ordinanza li jgħid hekk:

"L-espressjoni prima facie tfisser li lment li jkun sar ikun jallega ksur ta' xi regola stabbilita b'din l-Ordinanza jew fl-iStanding Orders tal-Kamra tad-Deputati jew ta' xi rizoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati dwar attijiet imsemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, u ma ghandha f'ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta' ħtija jew ta' innoċenza."

Is-Sedja terġa' tfakkar li l-imperattiv tal-libertà ta' espressjoni fil-qafas tad-demokrazija kostituzzjonali tagħna jeżiġi attenzjoni partikolari fl-użu tal-privileġġ parlamentari u tal-ksur tiegħu anki prima facie.

Is-Sedja hija tal-fehma li s-siltiet indikati fl-ittri msemmija mill-Onorevoli Agius jaqaw fil-qafas ta' kumment politiku u ta' espressjoni ħielsa tal-kittieb u ta' min ippublikhom, u li l-kummenti li fihom - li inoltre ma jagħmlu l-ebda riferenza speċifika għall-Onorevoli Agius - huma ta' natura ġenerika u jibqgħu fl-ambitu ta' opinjoni.

Għaldaqstant, salv u fermi d-drittijiet li talvolta jista' jkollu l-Onor. David Agius taħt l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) jew taħt xi liġi oħra, is-Sedja tiddeċiedi li m'hemmx każ ta' prima facie ksur ta' privileġġ.